**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 736/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1090/2021 fl-ismijiet:**

**Richard Abdilla Castillo (K.I. Nru. 267256(M)) u Rose Marie Abdilla Castillo (K.I. Nru. 112853(M))**

**vs.**

**Aaron Mizzi (K.I. Nru. 297577(M))**

**Illum 26 ta' Awwissu 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent Aaron Mizzi ppreżentat fis-27 ta' Lulju 2021 u li ġie a konjizzjoni tagħha fit-30 ta' Lulju 2021 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

"1. *tordna l-ħruġ tal-kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi u dan għab-bażi tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *mingħajr preġudizzju għall-premess u f'każ li ma tintlaqax l-ewwel talba, tordna l-ħruġ tal-kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru fl-*

*ismijiet premessi u dan għab-bażi tal-Artikolu 836 (1)(ċ) u/jew (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ;*

3. *tikkundanna lis-sekwestranti sabiex iħallsu penali lill-esponenti ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 u dan għab-bażi tal-Artikolu 836(8)(b)(ċ) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *tikkundanna lis-sekwestranti sabiex iħallsu lill-esponenti dawk id-danni li l-esponenti ġarrab u qed iġarrab bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru u dan ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *mingħajr preġudizzju għall-premess u f'każ li t-tielet u r-raba' talba ma jintlaqghux, tordna lis-sekwestranti sabiex, bi żmien stabbilit mill-Qorti, jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax; u fin-nuqqas li jagħtu din il-garanzija, tordna li jitneħħa l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *mingħajr preġudizzju għall-premess u f'każ li l-ewwel u t-tieni talba ma jintlaqgħux, tordna li l-esponenti għandu jitħalla salarju u/jew introjtu u/jew dħul ta' mill-anqas elf u seba' mitt Euro (€1,700) fix-xahar u dan ai termini tal-Artikolu 382(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru, tar-rikors odjern u tal-Kontromandat relattiv kontra s-sekwestranti".*

Rat id-Digriet tagħha tat-30 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimati Richard Abdilla Castillo u Rose Marie Abdilla Castillo li ġew mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex jippreżentaw Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtiequ jagħmlu flimkien mad-dokumenti kollha li jixtiequ jippreżentaw.

Rat ir-Risposta tal-intimati Abdilla Castillo ppreżentata fil-11 ta' Awwissu 2021 fejn infurmaw li din il-Qorti, fost l-oħrajn, bis-segwenti:

*"Illi l-esponenti qegħdin jopponu bil-qawwa għall-ewwel ħames talbiet magħmula fir-rikors intavolat mis-sekwestrat għal diversi raġunijiet hekk kif ser jiġu spjegati f'din ir-risposta. Għal dak li jirrigwarda s-sitt talba tas-sekwestrat, l-intimati ser jispjegaw il-pożizzjoni tagħhom aħjar aktar tard f'din ir-risposta."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1090/2021 fl-ismijiet **Richard Abdilla Castillo et vs. vs. Aaron Mizzi**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- li r-rikorrent Mizzi u Kirstin Abdilla Castillo (li tiġi bint l-intimati Abdilla Castillo) huma miżżewwġin u li fil-preżent jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali;

- li tul iż-żwieġ tagħhom r-rikorrent Mizzi u Kirstin Abdilla Castillo akkwistaw il-garaxx li jġib in-numru 1 li jifforma parti mill-kumpless ta' bini li għandu żewġ entraturi bl-isem "Mula Drive" u li jinsab fi Triq Ħal Mula u Triq L. Mifsud Tommasi, Żebbuġ;

- li mill-kuntratt ta' akkwist tal-garaxx hawn fuq imsemmi (li ġie eżebiet kemm mar-Rikors promutur u kif ukoll mar-Risposta) jirriżulta li l-garaxx inxtara għall-prezz ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000).

Da parte tagħhom, l-intimati Abdilla Castillo jsostnu li huma talbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni *"sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom rigward self ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li ngħata lil Aaron Mizzi sabiex hu flimkien ma' martu Kirstin Abdilla Castillo jakkwistaw il-garaxx"* li jsir riferenza għalih hawn fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina t-talbiet tar-rikorrent waħda waħda.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**

Illi f'din l-ewwel talba r-rikorrent jitlob l-ħruġ tal-kontro-mandat għab-bażi tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>
<u>L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u>

Illi fid-digriet mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fl-ismijiet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat".

Illi l-qies li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt is-sub-Artikolu in eżami huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Il-mistoqsijiet li Qorti trid tagħmel meta teżamina talba għall-ħruġ jew tneħħija ta' mandat kawtelatorju huma differenti minn dawk li trid tagħmel meta tiġi biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu. *Di fatti*, il-Qorti tinnota li l-partijiet fil-proċeduri odjerni ressqu dokumentazzjoni biex

isostnu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom u kull waħda minnhom tagħti ħjiel ta' realtà li tinbena fuq apprezzament ta' punti legali li din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwarhom f'daqqa t'għajn.

Illi l-kawżali li l-intimati taw għall-ħruġ tal-mandat hija ċara u ma teżiġiex stħarriġ partikolari. Minkejja li hija pretensjoni, il-Qorti tinnota li huwa biżżejjed għall-finijiet tar-raġuni li dwarha nħareġ il-mandat.

Illi l-oneru li l-ammont imsemmi fil-mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat jaqa' fuq min qiegħed jitlob ir-revoka tiegħu. Hekk ingħad fis-sentenza mogħtija fil-11 ta' Settembru 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Natalia Maggi v. Edward Maggi**. Meħud dan in konsiderazzjoni, il-Qorti tinnota li Abdilla Castillo ma naqsux milli jiġġustifikaw s-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li huma riedu jikkawtelaw bil-mandat u dana *stante* li l-garaxx in kwistjoni nxtara għall-prezz ta' tnejn u erbgħin elf (€42,000). Huwa minnu li l-kuntratt ta' akkwist tal-garaxx ma jsemmi l-ebda self, pero' fl-istess waqt il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju hekk prematur tidħol fil-mertu tal-pretensjonijiet li jeżistu bejn il-partijiet.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>
<u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġusitifikabbli</u>

Illi fid-digriet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** hawn fuq imsemmi, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma

tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat. Minħabba li l-Artikolu 836(1) jirreferi għat-tħassir "għal kollox jew f'parti minnu" tal-mandat, tali tnaqqis jista' jkun ukoll wieħed mir-rimedji li l-Qorti tista' tagħti lill-parti eżekutata fi proċedura bħal din."

Illi l-Qorti trid tara jekk is-somma ndikata fil-mandat tagħmilx sens mal-pretensjonijiet dedotti mill-intimati meta talbu l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni. Riferenza għandha ssir ghal dak li ngħad aktar il-fuq rigward is-somma kawtelata mill-intimati u b'hekk għandu jsegwi li, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti m'għandhiex issib li l-ewwel talba kontenuta fir-Rikors promutur għandha tiġi milqugħa.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**

Illi fit-tieni talba r-rikorrent jitlob li l-ħruġ tal-kontro-mandat għab-bażi tal-Artikolu 836(1)(ċ) u/jew (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>
<u>Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju</u>

<u>Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>
<u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u>

Illi l-Qorti tinnota li fir-Rikors promutur jingħad, fost l-oħrajn, is-segwenti:

*"Illi s-sekwestranti jafu ben tajjeb ukoll li l-esponenti huwa proprjetarju tal-fond "Orchidea", Flat 2, Triq Maestro Filippo Galea, Żebbuġ, Malta, liema fond huwa proprjeta' parafernali tal-esponenti u qabel is-separazzjoni de facto kien id-dar matrimonjali ta' bejn l-esponenti u binthom Kirsten Abdilla Castillo. Jafu wkoll li fuq din id-dar l-esponenti għandu impieg u introjtu fiss bħala ħaddiem tax-Xatt, fejn ilu jaħdem għal dawn l-aħħar 12-il sena, ossija minn qabel iż-żwieġ ma' binthom".*

Illi minkejja dak li jingħad fir-Rikors promutur, il-Qorti tinnota mingħajr tlaqlieq ta' xejn li r-rikorrent ma offra l-ebda garanzija li biha b'xi mod jista jissodisfa dak rikjest f'Artikoli 836(1)(ċ) u 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssibx li anqas it-tieni talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur hija mistħoqqa.

**It-Tielet (3) Talba**

Illi r-rikorrenti jitlob li sekwestranti *ossia* intimati jħallsu penali lir-rikorrent u dana għab-bażi tal-Artikolu 836(8)(b)(ċ) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. I-ċirkostanzi msemmija fil-liġi f'dan ir-rigward huma erbgħa u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi.[1]

Illi fil-każ odjern ir-rikorrent jsemmi ċ-ċirkostanzi msemmija f'Artikoli 836(8)(b), (ċ), u/jew (d) tal-Kapitolu 12. Illi fir-rigward ta' dak li jirrigwarda Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12, speċifikament dwar jekk saritx interpellazzjoni għall-inqas ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, intqal kemm-il darba li l-liġi ma tridx li din tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża

[1] *Vide* **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru 2019.

formali.[2] Jingħad ukoll li l-fatt waħdu li ma tkunx saret talba bħal din, qabel ħmistax-il jum li jkun inħareġ il-mandat, mhijiex meqjusa bħala raġuni awtomatika biex dak li jkun jeħel il-penali. Dan għaliex jekk dak li jkun juri li kien hemm raġuni tajba għaliex ma ressaqx talba preċedenti għall-mandat, il-penali m'għandhiex tingħata.[3]

Illi filwaqt li huwa minnu li jirriżulta li l-intimati ppreżentaw ittra uffiċjali kontra r-rikorrent Mizzi u martu Kirstin Abdilla Castillo (kopja ta' liema ittra ġiet eżebita u mmarkata bħala Dok. "1" mar-Risposta tal-intimati), liema ittra uffiċjali ġiet ippreżentata dakinhar stess li ġie ppreżentat il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, huwa minnu wkoll li l-intimati eżebew ittra legali (Dok. "3") datata 6 ta' Novembru 2019 f'liema ittra r-rikorrent Mizzi u martu Kirstin Abdilla Castillo ġew interpellati sabiex iħallsu lura l-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li jingħad ġie misluf lilhom.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li ngħad fir-Risposta tal-intimati fejn qalu hekk: *"Illi di piu', l-allegazzjoni li l-ammont dovut lill-esponenti mhuwiex wieħed urġenti kif jidher li jisħaq is-sekwestrat, ukoll mhuwiex minnu. Il-fatt li s-sekwestrat stess qiegħed jisħaq li qiegħed jitlob ir-rexissjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnu u bejn martu, juri kemm kien urġenti li jsir tali mandat u dan għaliex f'każ li jkun hemm ir-rexissjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-pretensjonijiet tal-esponenti u l-azzjoni li jistgħu jieħdu sabiex jissalgwardjaw l-istess, ser jiġu ppreġudikati".* Il-Qorti taqbel ma' dan.

Isegwi għalhekk li l-Qorti ma ssibx li anqas it-tielet talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur għandha tiġi milqugħa.

**<u>Ir-Raba' (4) Talba</u>**

Illi r-rikorrent jitlob li sekwestranti *ossia* intimati jiġu kkundannati jħallsuh danni li huwa ġarrab u qed iġarrab bil-ħruġ tal-Mandat ta'

[2] *Vide* **Ian Sammut vs. Entree Limited et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru 2009; **Office Group Limited vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April 2017; **Dimbros Limited vs. Philip Agius & Sons Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Awwissu 2017.

[3] *Vide* ***Office Technology Limited vs. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 1999; ***Western Company Limited vs. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2020.

Sekwestru u dana *ai termini* ta' Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fid-digriet fl-ismijiet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** li sar riferenza għalih aktar il-fuq fejn ingħad hekk:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-Artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-Artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-Artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ".

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-Artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-Artikolu 164(1) tal-Kodiċi.

**<u>Il-Ħames (5) Talba</u>**
Illi f'din it-talba r-rikorrent qed jitlob għall-impożizzjoni ta' garanzija xierqa fuq is-sekwestranti *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fid-digriet fl-ismijiet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** hawn fuq imsemmi fejn ingħad hekk:

> "Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija

> tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni.
>
> Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha".

Illi wara li l-Qorti qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi r-rikorrent ma rnexxilux iġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. Għalhekk, il-Qorti ser tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent.

**<u>Is-Sitt (6) Talba</u>**

Illi f'din it-talba r-rikorrent jitlob lill-Qorti sabiex f'każ li l-ewwel u t-tieni talba ma jintlaqgħux, tordna li hu għandu jitħalla salarju u/jew introjtu u/jew dħul ta' mill-anqas elf u seba' mitt Euro (€1,700) fix-xahar u dan *ai termini* tal-Artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- li jidher li huwa fatt mhux kontestat dak li ngħad fir-Rikors promutur meta ngħad li r-rikorrent għandu impieg u introjtu fiss bħala ħaddiem tax-Xatt, fejn jingħad li ilu jaħdem għal dawn l-aħħar tnax (12)-il sena;

- in segwitu tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni jirriżulta li ġiet sekwestrata l-paga tar-rikorrenti tant li tnejn mis-sekwestratarji huma: Malta Freeport Corporation Limited u Malta Freeport Terminals Limited.

Illi wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u dak li jipprovdu Artikoli 381 u 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li s-sitt talba hekk kif magħmula għandha tiġi milqugħa.[4]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- filwaqt li tiċħad l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur;

- tilqa' s-sitt (6) talba tar-Rikors promutur fis-sens li r-rikorrent Aaron Mizzi għandu jitħalla salarju u/jew introjtu u/jew dħul ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700) fix-xahar u dan *ai termini* tal-Artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[4] Bħala parenteżi, il-Qorti tinnota li fir-Risposta tagħhom l-intimati qalu s-segwenti fir-rigward tas-sitt talba: *"Illi nonostante dan u bħala ġest in buona fede, l-esponenti jirrilevaw li huma ma jsibu ebda oġġezzjoni li s-sekwestrat oltre l-paga minima ta' Eur 698.81 fix-xahar, jitħalla jieħu s-somma ta' Eur 866.47, liema somma tkopri l-pagament tas-self dovut lill-bank u l-ħlas tal-manteniment, u dan soġġett li tali somma attwalment titħallas direttament lill-entitajiet/persuni li huma intitolati għall-istess".*

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu wieħed minn sitta (1/6) mill-intimati Abdilla Castillo u ħamsa minn sitta (5/6) mir-rikorrent Mizzi.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis 26 ta' Awwissu 2021.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**